MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 725/2002

**Socjeta' Maltija ta' l-Arti, Manifattura u Kummerc.**

**-vs-**

**Alphonse Farrugia.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-25 ta' Gunju 2002, li permezz taghha s-scojeta' attrici ppremettiet:

Illi quddiem it-Tribunal Industrijali (Chairman is-Sur Colin Tabone) tinsab pendenti kwistjoni tax-xoghol bejn il-konvenut u s-Socjeta' attrici dwar allegata tkeccija mill-

impjieg minn mas-Socjeta’ attrici, li l-konvenut qed jallega li hu ngusta (Kaz Nru. 1614).

U illi fis-seduta tas-16 ta’ April 2002 quddiem it-Tribunal Industrijali gie verbalizzat minn naha tas-Socjeta’ attrici li din xtaqet titlob lill-istess Tribunal sabiex joghgbu jawtorizzaha tressaq eccezzjoni fis-sens illi l-azzjoni li kien ressaq l-appellant (konvenut f’din il-kawza) hija perenta ai termini tal-artiklu 28(3) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ illi l-kaz ma kienx infetah mill-konvenut fil-perijodu ta’ erba’ xhur mill-allegata terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-Socjeta’ attrici u dana skond ma jirrizulta mill-anness Dok “A”.

Illi l-konvenut oppona ruhu ghall-ammissibilita’ ta’ din l-eccezzjoni peress li kkontenda li l-proceduri bil-miktub kienu nghalqu mas-sottomissjoni ta’ l-“istatement of case” u fi kwalunkwe kaz, it-terminu msemmi ta’ erba’ xhur mhuwiex applikabbli ghal dan il-kaz skond il-Kodici ta’ Procedura Civili u dana skond ma jirrizulta mill-anness Dok “A”.

Illi t-Tribunal Industrijali iddifferixxu l-kaz ghal seduta tat-28 ta’ Mejju 2002 sabiex jaghti decizjoni fuq l-ammissibilita ta’ din l-eccezzjoni u ghall-kontinwazzjoni jekk ikun il-kaz u dana skond ma jirrizulta mill-anness Dok “A”.

U illi fis-seduta tat-28 ta’ Mejju 2002, it-Tribunal Industrijali (Decizjoni Preliminari Nru 1295) iddecieda, fost ohrajn, billi accetta bhala ammissibbli l-eccezzjoni tas-Socjeta’ attrici izda ddecieda wkoll il-mertu tal-istess eccezzjoni billi qal li “id-domanda saret fit-terminu preskritt tal-ligi” u dana skond ma jirrizulta mill-annessa decizjoni preliminari li qed tigi markata Dok “B”.

U illi b’dan il-mod, is-Socjeta’ attrici giet privata mid-dritt taghha li tressaq il-provi, taghmel sottomissjonijiet u

tittratta l-meritu ta’ din l-eccezzjoni mressqa minnha u b’hekk giet imcahhda mid-dritt taghha ghal smiegh xieraq, u l-istess decizjoni preliminari tat-Tribunal Industrijali tat-28 ta’ Mejju 2002 tmur komtra l-ligi u kontra l-principji ta’ gustizzja naturali li l-istess Tribunal Industrijali hu tenut li josserva fil-proceduri quddiemu.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara li d-decizjoni preliminari Nru. 1295 moghtija fit-28 ta’ Mejju 2002 mit-Tribunal Industrijali fil-kwistjoni tax-Xoghol Nru. 1614 bejn l-odjerni kontendenti hija nulla u bla effett billi saret bi ksur car tal-ligi u tal-principji ta’ gustizzja naturali u dan billi s-Socjeta’ attrici giet imcahhda mid-dritt taghha ghal smigh xieraq u konsegwentement;

2. Tirrevoka l-imsemmija decizjoni preliminari numru 1295 datata 28 ta’ Mejju 2002 fil-kwistjoni tax-Xoghol fuq riferita bejn il-kontendenti u dan taht kull provediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa minn Paul P.Agius I.D 13341(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fl-24 ta’ Frar 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, skond l-artikoli 156(3), 181(2) u 789(1)(d) tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili, il-fuq imsemmi att tac-citazzjoni huwa null

ghaliex l-akkompanjanti dikjarazzjoni giet mahlufa biss mid-Direttur tas-Socjeta’ Paul Agius filwaqt illi, skond l-artikolu 19 ta’ l-istatut tas-socjeta’ attrici (Dokument AF1), ir-rapprezentanza gudizzjarja ta’ l-istess socjeta’ hija vestita “fil-persuni tal-President tal-Kunsill u tad-Direttur tas-socjeta’.. .. flimkien, izda qatt separati” u ghalhekk il-konvenut eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez.

2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-gudizzju kif propost mhux integru u l-konvenut eccipjent wahdu mhux il-legittimu kontradditur tas-socjeta’ attrici ghaliex m’huwa bl-ebda mod responsabbli ghall-allegat cahda ta’ smigh xieraq illi s-socjeta’ attrici tippretendi li soffriet da parti tal-President tat-Tribunal Industrijali permezz tad-decizjoni tieghu tat-28 ta’ Mejju 2002.

3. Illi *in subsidium* u minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u bhali tali ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tat-28 ta’ Mejju, 2002 fuq l-ammissibilita’ ta’ l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta’ attrici illi l-azzjoni quddiem it-Tribunal Industrijali kienet perenta ai termini ta’ l-artikolu 28(3) tal-Kapitolu 266 tal-Ligijiet ta’ Malta nghatat wara trattazzjoni li sehhet quddiem it-Tribunal Industrijali fis-16 ta’ April 2002 u fuq fatti li rrizultaw mill-process u li, *del resto*, ma kienux ikkontestati mill-attrici u sewwa ghamel it-Tribunal Industrijali li ma ppermettiex lungaggini tattici u bla bzonn ghaliex dawn iservu biss biex tigi nnegata l-gustizzja.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Gunju 2004 li permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi qabel jigi deciz il-mertu il-Qorti qabel xejn trid ukoll tiddeciedi dwar iz-zewg eccezzjonijiet preliminari.

Fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni il-konvenuti qed jeccepixxu n-nullita' tac-citazzjoni ghaliex kien wiehed mid-dirigenti tas-socjeta' attrici illi halef id-dikjarazzjoni tassattiva mal-presentata tac-citazzjoni. L-artiklu 156(3) citat mill-konvenuti jghid li din ghandha tigi presentata mill-attur jew <u>wiehed mill-atturi.</u> F'dan il-kaz ghandha proprjament attur wiehed li hija socjeta'. L-artiklu 181A(2) jghid li kull dikjarazzjoni li ghandha tinhalef *fil-kaz ta' korp li jkollu personalita' gurudika distinta, tinhalef mill-persuna jew persuni illi jkollhom rappresentanza guridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna ohra awtorizzata….*

L-artiklu 19 tal-istatut tas-socjeta' attrici jghid li r-rappresentanza guridika tal-istess socjeta' hija vestita fil-President u d-Direttur konguntament izda mhux separatament. Madankollu f'dan il-kaz kull ma ghamel id-Direttur Paul Agius kien li halef id-dikjarazzjoni u mhux ippresenta c-citazzjoni ghax din giet presentata mis-socjeta', kif gie permess mill-emendi tal-1995 ghall-Kap. 12. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, id-direttur seta jahlef hu biss id-dikjarazzjoni ghax hu ghandu rapresentanza guridika, sia pure flimkien mal-President. L-artiklu 156 kien jipprospetta s-sitwazzjoni qabel l-emendi tal-1995 u ghalhekk zgur li ma kien l-iskop tal-legislatur li d-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni tigi mahlufa mill-persuni kollha li ghandhom rapresentanza guridika ta' socjeta li tkun qed tippresenta citazzjoni.

Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni ftit hemm lok ta' argumenti ghaliex l-atturi ma kellhomx jiccitaw lit-tribunal jew ic-

chairman tieghu izda bil-fors lill-parti l-ohra involuta fil-proceduri legali in kwistjoni.

Ghalhekk l-eccezzjonijiet preliminari huma t-tnejn respinti.

Fir-rigward tal-mertu l-atturi qed jibbazaw it-talba taghhom fuq ksur ta' principju tal-gustizzja naturali. Huwa assodat illum fil-gurisprudenza taghna illi il-Qrati ghandhom dritt jinvestigaw decizjonijiet tat-tribunali stabbilit bil-ligi meta jigi allegat ksur ta' xi wiehed minn dawn il-principji. Per ezempju fil-kawza fl-ismijet John Holland et vs Julian Schembri (Appell Civili 20 ta' Mejju 1991) gie ritenut illi;

*Din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni limitata ghal meta Tribunal Industrijali tmr ultra vires u/jew meta ma tkunx assikurata li l-gustizzja ssir skond il-mertu tas-sustanza tal-kaz u li tkun saret bla hsara ghar-regoli tal-gustizzja naturali u/jew meta t-Tribunal jaghti xi sentenza kontra xi ligi miktuba jew xi att iehor li jkollu forza ta' ligi li jirregola l-pagi…*

L-istess Qorti fil-kawza Alamango vs Ciantar (29 ta' Mejju 1991) qalet li l-Qrati jistghu issindikaw il-lodo tat-tribunal biss biex jaraw jekk eccediex il-gurisdizzjoni tieghu jew li gew segwiti l-principji tal-gustizzja naturali. Dan kien gie stabbilit mil-Qorti tal-Appell f'sentenzi precedenti bhal Tommaso Montalto vs Stanley Clews et (26 ta' Mejju 1987) fejn intqal;

*Evidentement imbaghad il-Qorti ghandha s-setgha li li tara li t-tribunal bl-ebda mod ma jkun kiser xi wiehed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem.*

L-atturi f'din il-kawza qed jilmentaw illi t-Tribunal iddecieda dwar eccezzjoni taghha minghajr ma tahom opportunita' jressqu l-provi dwarha.

Dwar il-fatti ma hemmx kontestazzjoni u huma riflessi fil-verbali tat-tribunal. Fis-seduta tas-16 ta' April 2002 l-

intimati (atturi f'din il-kawza) permezz tal-Avukat taghhom talbu li jressqu eccezzjoni ulterjuri u cioe' li l-azzjoni kienet perenta. Dr. Frendo ghar-rikorrenti (konvenut f'din il-kawza) oppona. Wara illi instemghu xi xhieda it-tribunal iddiferixxa il-kawza ghat-28 ta' Mejju 2002 *ghad-decizjoni fuq l-ammissibilita' tal-eccezzjoni u ghall-kontinwazzjoni jekk ikun il-kaz* (fol 6 tal-process). Fis-sentenza moghtija fit-28 ta' Mejju 2002 it-tribunal iddecieda illi;

*It-tezi li d-domanda ghal redress saret tard m'hijiex valida ghaliex id-domanda saret fit-terminu preskritt tal-ligi.*

Ma hemm ebda dubbju fil-fehma tal-Qorti li t-tribunal telaq jigri qabel ma mexa fuq din il-kwistjoni. Id-differiment tas-16 ta' April kien biex tigi deciza l-ammissibilita' tal-eccezzjoni. It-tribunal ma setax jiddeciedi fuq il-mertu ta' dik l-eccezzjoni kif fil-fatt ghamel ghaliex l-ewwel kellu jara hijiex ammissibbli u jekk jara li kienet, jaghti opportunita' lill-partijiet iressqu l-provi dwar dik l-eccezzjoni. Ghalhekk l-atturi ghandhom ragun jilmentaw li gie miksur il-principju tal-gustizzja naturali – *audi alteram parte*. Fil-kaz in kwistjoni, it-tribunal ma sema' l-ebda parti imma naturalment il-konvenut ma lmentax minn dan ghax it-tribunal iddecieda favur tieghu. Dan apparti l-fatt li t-tribunal ma mexiex skond ir-regoli tal-Kap 12 meta rregola l-procedura tieghu.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u tiddikjara li d-decizjoni preliminari moghtija fit-28 ta' Mejju 2002 mit-tribunal industrijali fil-kaz numru 1614 hija nulla u bla ebda effett u tirrevoka l-istess decizjoni; tordna ghalhekk lill-partijiet li jitolbu li t-tribunal jisma' l-provi dwar l-eccezzjoni mressqa mill-intimati (atturi f'din il-kawza).**

**L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom ikunu maqsuma indaqs bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------